MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum it-08 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 682/2018/1LM

**Stephen Knights (K.I. 0057840A) u Antonia Knights (K.I. 0860551M)**

***vs.***

**Tal-Karmnu Construction Company Limited (C17718) kif rappreżentata minn Francis Spiteri, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 249066M**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-27 ta' April, 2018.

Tqis illi għad illi s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bir-Rikors u bl-Avviż għas-Smigħ, hija naqset li tippreżenta risposta u ma deher ħadd

għaliha u ma deher ħadd biex jassistiha waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Tqis illi jirriżulta suffiċjentement fil-livell ta' *prima facie* li l-ħruġ ta' dan il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata.

Tipprovdi b'mod definittiv billi tilqa' t-talba u tordna l-ħruġ tal-opportun Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-soċjetà intimata.

Barra minn hekk ai termini tal-artikolu 874(3) tal-Kap. 12, il-Qorti tordna lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Ċivili) sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbiku u lir-Reġistratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni.

Bl-ispejjeż ta' dan il-Mandat jitħallsu mis-soċjetà intimata.

Mogħti kameralment illum 8 ta' Mejju, 2018.